**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 348 /2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Oriana Spiteri)**

**vs.**

**Damian Cesare**

Illum id-29 ta' Settembru 2020

Il Qorti:

Rat li tressaq taht arrest Damian Cesare ta' 21 sena mwieled gewwa l-Pieta' nhar il-21 ta' Marzu 1998 iben Mario u Rosanna nee' Grima, minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' 116798M

**Akkuzat talli nhar l-1 ta Gunju 2019 ghall-habta ta' bejn 19:30hrs u 20:00hrs fi Triq Villabate, Zabbar,**

1. Volontarjament, ta nar lill-bini, vettura, gharix, jew lok iehor u cioe' residenza bl-isem ta' Starlight li tinsab gewwa Triq Villabate Zabbar (Kap 9 Art 317);

2. Volontarjament, hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-2500Euro. (Kap 9 Art 325(1)(b));

3. Talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-24 ta' Mejju 2018 mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LLD, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. U aktar talli wettaq reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal- Magistrati nhar il- 5 ta' Awissu 2016 mill-Magistrat Dr D. Frendo Dimech LLd, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Damian Cesare a beneficcju ta' Brian Grech, Ian Grech u familjari taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna, lill-imsemmi Damian Cesare sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz provdut skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmi Damian Cesare jhallas lil parti offiza dak l'ammont ta flus li jista jigi stabbilit mil-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunatai permezz tar-reat.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta lil Damian Cesare bhala persuna recediva meta gie ssentenzjat mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza ta' l-10 ta' Gunju 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar is-16 ta' Gunju 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

[1] Folio 7 ta' l-atti processwali
[2] Folio 201 ta' l-atti processwali

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 317(b) u 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 28A u 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 7 u 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 15A, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 18 ta' Gunju 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat separatament jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-18 ta' Gunju 2020

Rat illi d-difiza ma ressqitx provi

[3] Folio 204 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha prezentati inkluz il-proces verbal, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar l-1 ta' Gunju 2019 meta l-Ghassa ta' Haz-Zabbar rceviet rapport minnghand certu Ian Grech li xi hadd mhux maghruf kien qabbad bin-nar il-bieb tar-residenza tieghu u tal-familja tieghu. Mill-istharrig li ghamlet il-pulizija irrizulta li s-suspettat ta' dan ir-reat kien l-imputat u sussegwentement tressaq b'arrest.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2019 xehed **PS 31 Mario Farrugia**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn huwa spjega li nhar l-1 ta' Gunju 2019 ghall-habta tat-20:10hrs waqt li kien xoghol fl-ghassa ta' Haz-Zabbar, cemplet

persuna li indetifikat ruhha bhala Ian Grech fejn dan ta' l-ahhar qal illi kien ghadu kif gie infurmat li xi hadd kien ta n-nar lill-bieb tar-residenza ta' fejn joqghodu u cioè Starlight, Triq Villabate, Haz-Zabbar. Il-Pulizija attendew immedjatament fuq il-post fejn kien hemm sid ir-residenza certu Brian Grech flimkien maz-zewg uliedu Ian Grech u Ryan Grech. Dawn qalu kif ghall-habta tat-19:40hrs huma kienu hargu mir-residenza u ghall-habta tat-20:00hrs kien cempillhom habib taghhom certu Kurt Muscat fejn qalilhom li nnota li l-bieb taghhom kien qed jaqbad u rnexxilu jitfi n-nirien flimkien ma' xi nies ohajn li kienu ghaddejjin. Huma nizlu fuq il-post immedjatament. Skont ix-xhud, fuq il-post seta jigi nnutat li kien hemm xi nugrufun u l-persuni li kienu fuq il-post indikaw landa x'aktarx tal-birra li kienet f'parapett vicin wara li din tnehhiet minn Kurt Muscat huwa u jifti n-nar. Ix-xhud ikkonferma li l-Pulizija tkellmet ukoll ma Kurt Muscat li min-naha tieghu qal li kien ra n-nar huwa u ghaddej bil-vettura tieghu, waqaf u prova jitfi n-nirien bl-ilma, fejn huwa qabad il-landa u tefaghha f'parapett vicin. Minn naha tieghu, Ian Grech qal illi minhabba xi argumenti li kellu mieghu, is-suspett tieghu mar fuq l-imputat Damian Cesare. Ix-xhud ikkonferma li l-Pulizija irnexxielha issib xi cameras fil-vicin u mill-filmati deher persuna ghaddej minn fuq l-istess bankina dawk il-hinijiet stess, liema persuna ix-xhud gharaf bhala l-imputat. F'idu dan kellu landa safra.

Fl-istess seduta xehed **PC 1491 Kurt Attard**, stazzjonat fis-Sezzjoni Forensika li stqarr li fit-2 ta' Gunju 2019 gie nfurmat mill-Ispettur Oriana Spiteri dwar hruq ta' bieb ta' dar bl-isem Starlight, Triq Villabate, Haz-Zabbar. Huwa acceda fuq il-post fejn ha hsieb it-tehid tar-ritratti, fejn huwa gibed seba (7) ritratti.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Brian Grech**. Skont ix-xhud id-data tal-incident kient l-ewwel (1) ta' Gunju 2019, li kien il-Hadd u fit-19:45hrs huwa kien sejjer biex jara loghba l-kazin flimkien mal-mara tieghu. Ghall-habta tat-19:53hrs, wara li kienu hargu, cempillu t-tifel tieghu Ryan Grech u qallu li kien qed jinharqilhom il-bieb ta' barra. Malli qata' x-xhud haffef lura lejn id-dar u meta waslu kien ankè irritorna t-tifel l-iehor Ian Grech. Ix-xhud qal lil dan tal-ahhar sabiex icempel lill-Pulizija. Mitlub jghid jekk jistax jaghraf lil xi hadd fl-awla, ix-xhud qal li jista' jaghraf lil hadd, ghax huwa ma kienx fuq il-post meta tkebbes in-nar. Madankollu stqarr li wiehed mit-tfal tieghu ghandu kwistjoni mal-imputat.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Ian Grech**. Huwa kkonferma li nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2020 huwa ghamel rapport mal-Pulizija dwar l-incident in kwistjoni. Fil-jum ta' qabel, cioè is-Sibt, huwa kellu l-access mat-tifel tieghu mill-10:00hrs sas-14:00hrs.Meta gie biex jirritorna lit-tifel fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar skont il-ftehim, innota li kien hemm il-karozza ta' omm it-tifel, Chanelle Vella u kien hemm ukoll l-imputat Damian Cesare fis-sedil tax-xufier. Ix-xhud spjega li huwa kellu informazzjoni li Cesare ma kellux licenzja tas-sewqan u ma xtaqx li t-tifel tieghu jirkeb ma' Cesare. Huwa qal lil Chanelle Vella sabiex ikellimha gewwa l-Ghassa izda din bhal qisha qabadha paniku u regghat telqet 'il barra u fi ftit tal-hin kemm hi u kemm Cesare kienu telqu minn fuq il-post. Dakinhar filghaxija ix-xhud kien qed jara l-futbol gewwa l-kazin tal-Partit Laburista tal-Fgura flimkien mal-genituri tieghu u ircevew telefonata minghand huh Ryan Grech li kien qed jaqbad il-bieb tad-dar taghhom. Meta marru lura d-dar innotaw li

nofs il-bieb kien iswed, kien hemm xi likwidu mal-art u nnutaw li fil-parapett kien hemm recipjent li jixbah bott tal-birra li kien mahruq sew.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Ryan Grech** fejn huwa spjega li nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2019 huwa kien qieghed xoghol u ghall-habta tat-19:50hrs ircieva telefonata li l-bieb ta' barra tad-dar taghhom kien qieghed jaqbad. Huwa cempel lill-genituri tieghu u immedjatament irrikorra fuq il-post. Hekk kif wasal induna li kienu lahqu waslu l-genituri tieghu kif ukoll huh Ian Grech u ankè xi Pulizija. Sa dak il-hin jidher li n-nar kien intefa'.

Fl-istess sedut xehed **Gary Buttigieg** li minn naha tieghu stqarr li nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2019 bejn it-19:45hrs u 20:00hrs huwa kien ghaddej bil-karozza minn Triq Villabate, Haz-Zabbar u ra karozza quddiem il-bieb ta fejn sar il-kaz kif ukoll ra n-nar tiela minn taht il-bieb. Osserva ukoll li kien hemm bott tal-birra.

Fis-seduta tat-2 ta' Settembru xehed **Dr Keith Cutajar**. Huwa kien gie inkarigat bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti Dr Astrid May Grima sabiex janalizza u johrog numru ta' filmati relatati mal-incident tal-hruq *de quo*. Huwa kkonferma li espleta l-inkarigu moghti lilu u pprezenta rapport li fih hemm numru ta' fotogrammi li f'uhud minnhom hemm vizwal carissimu tal-persuna allegatament involuta li ghandu ukoll xi affarijiet relatati f'idejh.

Fl-istess seduta xehed **Kurt Muscat** li stqarr li dakinhar tal-incident huwa kien ghaddek mill-bypass ta' Haz-Zabbar u ra bieb jaqbad u beda wkoll jisma' kelb jinghi fuq gewwa. Ix-xhud spjega kif huwa waqaf u beda

jipprova jitfi n-nar billi jitfa' l-ilma. Huwa innota li kien hemm bott mal-bieb - ma seta' jaghraf lil hadd li kien prezenti fl-awla.

Fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2019 xehed il-**Perit Valerio Schembri** li kkonferma illi huwa kien inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti Dr Astrid May Grima bhala parti mill-investigazzjonijiet relatai mal-incident *de quo*. Huwa espleta l-inkarigu tieghu u halef u pprezenta r-relazzjoni relattiva.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Adrian Pullicino** li joqghod vicin tal-lok fejn sehh l-incident *de quo*. Huwa kkonferma li kien gie mistoqsi mill-Pulizija jekk kienx ra xi haga izda huwa ma kien ra xejn, Mill-banda l-ohra, huwa kien ta access lill-Pulizija ghal xi cameras illi huwa ghandu installati sabiex jigu ezaminati l-filmati.

Fl-istess seduta xehdet ukoll **Jasmine Pullicino** li ukoll toqghod vicin tal-lok fejn sehh l-incident, u cioè Triq Villabate, Haz-Zabbar. Dakinhar tal-incident hija kienet qed tahsel il-karozza quddiem il-garaxx taghha meta rat ragel ghaddej minn hdejha u rega' lura. Hija bezghat li kien jisirqilha l-mobile li kien fuq ic-cint izda minn dan ma gara xejn. Skont hi dan ir-ragel kien ghadu zghir mill-età izda ma setghatx tiftakar wisq dettall.

Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2019 xehdet **l-Ispettur Oriana Spiteri** stazzjonata fl-Għassa ta' Ħaż-Żabbar. Hija spjegat li fl-ewwel (1) ta' Ġunju 2019, wara t-tmienja ta' filgħaxija, kienet giet informata minn PS31 Mario Farrugia li kien dahal rapport dwar il-fatt li xi ħadd kien kebbes nar ma' bieb ta' residenza li tinsab f'Villabate, Ħaż-Żabbar u ġġib l-isem ta' Starlight. Fuq il-post kien instab ukoll bott naqra mdaqqas x'aktarx tal-

birra li kien is-sors minn fejn kien tkebbes in-nar. F'din ir-residenza kienu jgħixu familja b'kunjom Grech fejn dawn ġew mitkellma mis-Surġent li kien qiegħed fuq il-post fejn huma qalulu li s-suspett tagħhom kien f'persuna bl-isem ta' Damian Cesare li x-xhud setghat taghraf preżenti fl-awla. Ix-xhud spjegat li skont l-gharfien taghha, Ian Grech, li joqghod fir-residenza involuta kellu xi kwistjonijiet mal-imputat tant li dakinhar tal-incident kien sar rapport l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar rigward il-fatt li Ian Grech kien ra lil Damian Cesare jsuq bla liċenzja. Ix-xhud ikkonfermat li kienet avzat lill-Magistrat tal-Ghassa Dr Astrid May Grima dwar l-incident fejn kienet saret inkjesta. Mill-investigazzjonijiet li saru, inkluz elevar ta' filmati CCTV, il-Pulizija gharfu lill-persuna allegatament responsabbli bhala Damian Cesare. Minn hemm kien intalab mandat ta' arrest għal Damian Cesare fejn dan ġie arrestat fid-disgħa (9) ta' Ġunju 2019 u fl-għaxra (10) ta' Ġunju 2019, ix-xhud haditlu stqarrija fejn ġie mogħti s-soliti drittijiet u huwa ghazel li jkellem lill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr Joe Brincat. Huwa ma kienx wiegeb ghad-domandi li kienu sarulu. Dakinhar stess kien tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat Ian Farrugia fejn wara li wiegeb li mhux hati, ma kienx ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Fl-istess seduta xehed **PS624 Keith Mullan** stazzjonat fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar li stqarr li nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju 2019 għall-ħabta tas-14:00hrs kien daħal fl-ghassa certu Ian Grech u qal li x'ħin kien qiegħed fi triqtu biex jieħu lill-ibnu ghall-access mingħand ommu, ċertu Chanel Vella, dan ra lis-sieheb taghha u cioè l-imputat Damian Cesare riekeb fuq in-naħa tax-xufier ta' vettura tal-għamla Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni JBX 487.

Ian Grech kien irrapporta li dan m'għandux liċenzja tas-sewqan u ħarġu dak il-ħin u l-karozza kienet telqet minn fuq il-post. Saret tfittxija fl-akkwati viċini izda rrizultat fin-negattiv.

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2020 xehed **David Borg Saydon**. Huwa kkonferma li kien gie nkarigat f'dan il-każ bħala espert tal-Qorti dwar affarijiet relatati ma' nar u fl-ewwel (1) ta' Ġunju 2019 ġie imqabbad sabiex imur fuq il-post u jara l-bieb maħruq li kien hemm fir-residenza bl-isem ta' Starlight, Triq Villabate, Haz-Zabbar. Huwa kkonstata li kien hemm ħruq fuq it-tarġa tal-bieb, mal-bieb u fuq ġewwa wara l-bieb fl-intrata tad-dar stess. Mid-disinn li kien hemm fl-għatba u fuq ġewwa tal-bieb u anka mal-bieb jirriżulta li dan huwa tip ta' disinn fejn ikun hemm aċċellerant involut. Skont ix-xhud, l-aċċellerant ma kienx hemmhekk jaqbad għal ħin twil. Jidher li kien hemm xi persuna li tfiet in-nar, qabdet dan il-bott li kien hemm qiegħed jaqbad u ramietu 'l bogħod mill-bieb. Ix-xhud kompla jispjega li huwa eleva l-bott li kien instab fuq il-post u irrizulta li fih kien hemm ammont ta' likwidu ħadrani li x'aktarx kien l-aċċellerant.

## Ikkunsidrat

### Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu

tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[4], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti,*

[4] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir****."*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[5] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[6]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[7] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[8] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong*

---

[5] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959
[6] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.
[7] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002
[8] deciz 5/12/1997

*against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[9]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' hruq b'periklu komuni**

[9] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghal-gudizzju talab sabiex l-imputat jigi aggudikat skont l-artikolu 317(b) tal-Kodici Kriminali li jghid:

*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna,jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor,il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin.*

Illi dwar it-test ta' x'ghandu jigi kkunsidrat bhala prova ta' l-element materjali ta' dan ir-reat, din il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Saviour Bugeja**[10] fejn il-Qorti tidhol fid-dettal fil-prova ta' l-element materjali tar-reat. Fost diversi referenzi l-Qorti ghamlet is-segwenti referenzi:

*"Il-MAINO ("Commento al Codice Penale" (Vol. II. P. 121) jikkummenta hekk dwar l-element materjali tar-reat in dizamina :-*

*"…non e' necessaria alla consumazione del reato la totale distruzione di cio' che si voleva abbruciare : basta che il fuoco si sia appiccato alla cosa . E anche questa formola non deve essere presa troppo alla lettera – nel senso , per esempio , che si tratta d' incendio d'una casa occorra che il fuoco siasi appreso a quei combustibili che per essere fixta et iuncta fanno parte integrante della casa medesima : quando anche il fuoco sia stato appiccato a mobili , masserizie ed altro colla possibilita' di estendersi a tutta la casa , il reato e' perfetto quantunque ancora il fuoco non siasi*

[10] Appell Kriminali, Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, Deciza 3 ta' Dicembru 2004; Appell Numru 14/2002

*appreso ai palchi , alle travi, agli usci . Il fuoco appiccato non e' tentattivo , ma reato consumato : il tentattivo si puo' avere soltanto in atti precedenti che ancora non abbiano prodotto la excitatio ignis."*

*L-istess jghid il-CARRARA (Programma del Corso di Diritto Criminale, Parte Speciale , Vol. 6.p.210) "incendium est delictum , quo ignis periculosus excitatur" , Accetto questa definizione , e sulla medesima vado a cercare I criterii essenziali di questo malefizio."… "Siffatti criterii essenziali si riducono a due – 1. Lo eccitamento del fuoco – 2. il pericolo . La prima formula determina il momento consumativo del reato , il quale , per commune consenso di tutte le scuole , non si deve attendere dalla totale distruzione di cio' che voleva abbruciarsi , ma si esaurisce tostoche' il fuoco e' appiccato alla cosa . La seconda formola esprime veramente la caratteristica costutuente il titolo d' incendio come delitto contro la pubblica tranquillita', perche' se a commuovere questa non e' necessario il danno universale effettivo, e' pero' indispensabile almeno la potenzialita' di un danno estensibile ad un numero indefinito di cittadini."*

*L-istess jghid ADOLFO ZERBOGLIO "Trattato di Diritto Penale" (Vol. VIII, "Delitti contro la pubblica incolumita'", p. 41) :- "Il delitto si compie con l'appiccare il fuoco , di cui e' poi conseguenza l' incendio"*

*Fil-ligi Ingliza kontemporanja li ukoll kienet tixbah hafna jekk mhux addirittura kienet kwazi identika ghad-dispozizzjoni taghna in dizamina u li qabel ma dahal in vigore il-Criminal Damage Act,1971,(Sec. I (3)) kienet regolata bil-Malicious Damage Act , 1861 (Sections 2 u 3), il-gurisprudenza hija li :-*

*"For the offence to be complete some property must be destroyed or damaged by fire. The damage may of course be quite insignificant (it would be enough for example, that wood is charred) but there must be some damage by fire; it would not be enough if property is merely blackened by smoke though there might well*

*be an attempt in such a case." (Cf. Parker (1839) 9 C & P 45) (Ara SMITH & HOGAN, Criminal Law 4 th. Edit. p. 670.) 4ARCHBOLD ("Criminal Pleading, Evidence and Practice", 31st . edit. p. 793) meta jikkummenta fuq lartikoli relattivi jghid:- "the words in the Malicious Damage Act, 1861, ss. 1-7, are "set fire to" (identici ghall-kliem fit-test Ingliz talKodici Kriminali, Kap.9) merely; and therefore it is not necessary to aver in the indictment that the house , etc. was burnt ; nor need it be proved that the house, etc. was actually consumed, nor that any flame was visible: R. v. Salmon , R. & R. 26 ; R. v. Stallion , 1 Mood . 398…..But the burning and consuming of any part of the house, however trifling, is sufficient, although the fire is afterwards extinguished : 1 Hawk . c. 39 s. 17; 3 Co. Inst. 66; Hale 569; Dalt. C. 159. Where on an indictment …it was proved that "the floor of a room was scorched; that it was charred in a trifling way; it had been a red heat , but not a blaze" , this was held a sufficient burning to support an indictment : R. v. Parker , 9 C. & P. 45, Bosanquet , J. , and Parke, B. support an indictment : R. v. Parker , 9 C. & P. 45, Bosanquet , J. , and Parke, B."*

Il-Qorti fl-istess sentenza kompliet biex tiddikjara:

*"Illi fid-dawl ta' dawn il-principju kif fuq enuincjati w a bazi tar-rizultanzi f' din il-kawza, indipendentement mill-kwistjoni ta' min kien l-awtur, din il-Qorti m'ghandha ebda ezitazzjoni li tghid li l-appikkar ta' nar b' likwidu nfjammabbli bhal ma hu l-petrol , mal-bieb ta' barra, li qabad bix-xambrelli b'kollox u bi hsarat ghall-arkata tal-gebel ta' fuqu w meta sahansitra l-likwidu nfjammabbli jippermeja minn taht il-bieb u jinfirex fuq il-partijiet tad-dar il gewwa millbieb, fejn sahansitra nqasam madum bin-nar u b'perikolu car u manifest li jaqbdu, twapet, ghamara, suppellettili, purtieri w oggetti ohra li jkunu vicin dan il-likwidu nfjammabbli, zgur li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat indikat fl-ewwel kap. Meta hu risaput li l-mod prevalenti ta' kostruzzjoni f' dan il-pajjiz huwa l-gebel li ovvjament ma jaqbadx minnu nnifsu, wiehed ma jistax*

*logikament u bil-buon sens jippretendi li lligi ghandha tigi interpreta li biex isehh ir-reat in dizamina irid jaqbad il-gebel tad-dar. Bizzejjed li jaqbdu anki ftit jew aktar mill-oggetti nfjammabbli li flimkien mall-gebel u fixtures ohra jikkomponu dar t' abitazzjoni jew jghammruha, b' mod li joholqu lperikolu potenzjali jew ghall-inkolumita' tal-okkupanti jew ghall-istess proprjeta' biss (fil-kaz tas-subinciz (b) ), biex ikun kunsmat ir-reat. F' dan il-kaz irrizulta li qabad u gie danneggjat il-bieb ta' barra li hu parti ntegrali mid-dar ghax ma tistax tikkoncepixxi dar minghajr bieb ta' barra, x-xambrelli w gie danneggjat l-gebel ta' l-arkata, kif ukoll li bin-nar li kien qed jaqbad fuqhom, inqasmu uhud mill-madum tal-entrata fuq gewwa w dan ghalhekk ma jista' jhalli ebda dubju li dan kien kaz ta' reat t' incendiu doluz."*[11]

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Regina v G and R**[12] fejn intqal mill Lord Bingham of Cornhill

*"In any statutory definition of a crime, 'malice' must, as we have already seen, be taken – not in its vague common law sense as 'wickedness' in general, but – as requiring an actual intention to do the particular kind of harm that in fact was done . . For it is essential to arson that the incendiary either should have intended the building to take fire, or, at least, should have recognised the probability of its taking fire and have been reckless as to whether or not it did so.'32 'Again, if you think that the prisoner set fire to the frame of the picture with a knowledge that in all probability the house itself would thereby be set on fire, and that he was reckless and utterly indifferent whether the house caught fire or not, that is abundant evidence from which you may, if you think fit, draw the inference that he intended the probable consequences of his act, and if you draw that inference,*

[11] Folio 10 tas-sentenza
[12] HL 16 ta' Ottubru 2003

*then, inasmuchas the house was in fact set on fire through the medium of the picture frame, the prisoner's crime would be that of arson.'*[13]

*Lord Diplock qal: 'I see no rational ground for excluding from conduct capable of giving rise to criminal liability, conduct which consists of failing to take measures that lie within one's power to counteract a danger that one has oneself created, if at the time of such conduct one's state of mind is such as constitutes a necessary ingredient of the offence. I venture to think that the habit of lawyers to talk of actus reus, suggestive as it is of action rather than inaction, is responsible for any erroneous notion that failures to act cannot give rise to criminal liability in English Law.'*[14]

Illi skond Blackstone Criminal Practice:

*"Arson differs from simple or aggravated criminal damage only in that the destruction or damage to the property must be set 'by fire'. Quaere whether this might extend to damage caused, for example, by water in saving the property from imminent destruction by the fire, or by a fall resulting from the collapse due to fire of a structure on which the property had stood."*[15]

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

Illi mill-provi prodotti u x-xhieda ta' PS31 Mario Farrugia[16] u PS624 Keith Mulligan[17] jirrizulta li dan l-incident sehh fl-1 ta' Gunju 2020 ghall-habta tat-tmienja u ghaxra ta' filghaxija (20.10hrs). Wiehed mir-residenti gewwa id-dar, certu Ian Grech, sar jaf minghand habib tieghu, Kurt

[13] Regina v Harris:18 (1882) 15 Cox CC 75
[14] Regina v Miller: HL 17 ta' Marzu 1982
[15] Blackstones Criminal Practice, 2006, B8.24
[16] Folio 25-26 ta' l-atti processwali
[17] Folio 158-161 ta' l-atti processwali

Muscat, li inzerta ghaddej minn hemm u nnota n-nar mal-bieb u flimkien ma nies ohra irnexxielhom jitfu in-nar.

Illi go din ir-residenza kienu jghixu certu Brian Grech li huwa s-sid tar-residenza flimkien ma' martu u t-tfal taghhom Ian Grech u Ryan Grech. Illi x-xhud Brian Grech fix-xhieda tieghu ikkonferma li kien fis-residenza ftit qabel ma sar il-hruq mal-bieb ta' barra u li kollox kien intatt qabel ma hareg. Ikkonferma wkoll li l-imputat f'dak iz-zmien kellu kwistjoni ma' ibnu Ian Grech.[18]

Ian Grech, kien issuspetta li seta' kien l-imputat li ghamel ir-reat in vista tal-fatt li kellhom xi argument u dak in-nhar stess wara nofsinhar kien ghamillu rapport fil-konfront tieghu peress li kien qieghed isuq minghajr licenzja.

Fuq il-parapett ma' genb ir-residenza fejn kien inqabad il-bieb bin-nar, instab bott tal-hadid li kien tal-birra li kien intuza fit-twettiq tar-reat.

Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irrizulta li gie nnotat persuna b'bott tal-birra u li bih kien mar hdejn bankina u dar lura. Dan il-persuna gie deskritt bhala guvni li ghandu xgharu imqaxxar. Illi din ix-xhieda giet ikorroborata minn ezami tac-CCTV cameras fejn irrizulta persuna miexi minn triq imharbta li tinstab wara t-triq fejn kienet sitwata r-residenza tal-vittmi, tasal sa quddiem il-garaxx fejn hemm il-camera, u jerga lura u jmur fil-kantuniera. Mic-CCTV footage seta jigi nnutat li dan kien l-imputat, Damian Cesare, u f'idejh kellu bott ta' kulur isfar.

[18] Folio 39 ta' l-atti processwali

Ix-xhud PC1491 Kurt Attard li kien nominat bhala espert tax-xena tar-reatipprezenta seba ritratti li juru l-hruq li sar fuq il-bieb bl-indirizz 'Starlight', Triq Villabate, Zabbar.[19]

Minn dawn ir-ritratti, jirrizulta li l-bieb ta' barra huwa maghmul mil-injam u l-hgieg. Quddiem il-bieb hemm parapett ghat-tul u mhuwiex bieb sitwat ma' bankina. Biex tasal ghal bieb trid li bil-fors tidhol fil-parapett tal-propjeta' u timxi ghalih.[20]

Mill-kumplament tar-ritratti jidher mod car il-partijiet is-suwed fejn inharaq il-bieb u l-hsara li saret kemm lill-bieb, kif ukoll is-soll tal-bieb.

Mir-ritratti jidher ukoll li l-hruq kien lahaq infirex ghall-wara tal-bieb gewwa r-residenza tal-propjeta.[21]

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[22] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-10 ta' Gunju 2019, u cioe' madwar gimgha u nofs wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Haz-Zabbar fl-ufficju ta' l-Ispettur Oriana Spiteri fil-prezenza ta' PS 624 Keith Mallan u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatawlu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma ssirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha,

[19] Dok KA1, Folio 33-37 ta' l-atti processwali
[20] Referenza FS 190862 – 19 BHD 101
[21] Referenza FS 190862 – 19 BHD 105-107
[22] Dok OS6 Folio 18-20 ta' l-atti processwali

ezercita dan id-dritt u ghamel kuntatt ma' l-avukat Dr. Joseph Brincat permezz ta' telefon.[23]

Illi fl-istqarrija l-imputat Damian Cesare ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna, izda ghazel li ma wegibx ghal kull mistoqsija relatat ma l-incident.

Mix-xhieda ta' Ian Grech jirrizulta li omm it-tifel tieghu tigi s-siehba ta' l-imputat. Jirrizulta li dak in-nhar ix-xhud Grech kellu l-access ta' binhom u skond il-ftehim li kellhom kien obbligat li jirritorna lil binhom lura fis-saghtejn quddiem l-ghassa ta' Haz-Zabbar. Meta mar sabiex jirritornah innota lil Chanelle Vella, li tigi omm ibnu u l-imputat fil-karozza u l-imputat fis-siggu tax-xuffier. Peress li kien infurmat li l-imputat ma kellux licenzja biex isuq talab lil Vella biex ikellimha gewwa l-ghassa izda hi telqet. Ian Grech informa l-pulizija b'dan, izda sakemm lahqu hargu kemm l-imputat u Chanelle Vella kienu telqu.[24]

Ix-xhud Ian Grech jikkorrobora x-xhieda ta' missieru meta jindika l-hinijiet u l-post fejn mar fil-ghaxija ftit qabel ma inqabad il-bieb ta' darhom. Meta wara mar fuq il-post ra *"Nofs il-bieb iswed, balla likwidu li ma nafx x'inhu, ma l-art fil-parapett u nutajna li kien hemm bott jew recipjent li kien mahruq sewwa."*[25]

Ix-xhud Gary Buttigieg jikkonferma li dak in-nhar ta' l-incident *"bejn it tmienja neqsin kwart u tmienja"*[26] kien ghaddej bil-karozza u ra karozza

[23] Dok OS5, Folio 17 ta' l-atti processwali
[24] Folios 41-43 ta' l-atti processwali
[25] Folio 42 ta' l-atti processwali
[26] Folio 46 ta' l-atti processwali

quddiem il-bieb u hu u miexi ra nara tiela minn taht il-bieb minn quddiem il-bieb fejn sehh in-nar.

Meta kien hemm osserva li *"il-bieb maghluq kien, kien hemm bott birra b xi affarijiet go fih."*[27]

Mix-xhieda ta' Kurt Muscat jirrizulta li *"kont ghaddej mill-bypass u rajt bieb jaqbad u bdejt nisma kelb gewwa jinghi u nahseb li kien hemm in-nies ukoll. U waqaft u tajt l-ghajnuna hux."*[28]

Ix-xhud ikkonferma wkoll li wara li tefa n-nar innota bott mal-bieb tad-dar.

Ix-xhud Jasmine Pullicino tikkonferma wkoll li waqt li kienet qed tahsel il-karozza quddiem il-garaxx taghha *"rajt ragel ghadda minn hdejja u rega lura. Hsibtu ha johodli l-mobile…imbaghad rega ghadda. Dak kollox il-bqija ma rajt xejn jien."*[29] Ix-xhud tikkonferma li tiftakar li l-persuna li ghadda minn hdejha kien ghadu zghir.

Mir-rapport ta' l-espert nominat Keith Cutajar[30] irrizulta li mic-CCTV cameras fl-inhawi johrog b'mod car li l-imputat Damian Cesare kien ghaddej minn l-inhawi fid-data u l-hin ta' l-incident. Mill-istess ritratt jidher guvni, b'xaghru imqaxxra igorr bott tal-birra safra f'idejh. Sussegwentement l-istess persuna jidher iddur lura jigri fid-direzzjoni opposta, minghajr il-bott isfar f'idejh.

[27] Folio 47 ta' l-atti processwali
[28] Folio 87 ta' l-atti processwali
[29] Folio 133 ta' l-atti processwali
[30] Dok KC1, 60-86 ta' l-atti processwali

Ir-ritratti u c-CCTV *footage* juru xena cara tal-post kif ukoll tal-moviment ta' l-imputat. Illi r-ritratt numru 17 juri bic-car li l-persuna ghaddejja hija l-imputat.[31]

Illi l-ufficjal prosekutur Spettur Oriana Spiteri esebit ukoll ritratt li juri b'mod car li l-persuna huwa l-imputat igorr bott isfar tal-birra.[32]

Mir-rapport ta' l-espert David Borg Saydon, li huwa espert f'affarijiet relatati man-nar irrizulta li meta tqabbad in-nar, kien hemm xi accellerant involut. Skond l-espert:

*"L-accellerant ma kienx hemmhekk jaqbad ghal hin twil. Ir-raguni hija lanqas il-bieb, l-injam ma bediex jinqasam ghalkemm beda biss il-process."*[33]

Minn dak li kkonstata l-espert irrizulta li xi hadd tefa n-nar u qabad il-bott li kien qieghed jaqbad u ramieh il-boghod mill-bieb. Dan il-bott in kwistjoni gie elevat mill-espert u irrizulta li kien bott tal-birra isfar.[34]

Minn gewwa dan il-bott gie elevat ammont zghir ta' accelerant fil-forma likwida b'kulur hadrani.

Fil-konkluzjoni tar-rapport jirrizulta wkoll li

*"Min haraq dan il-bieb jidher li tefa' ftit accelerant dirett fuq il-bieb u fuq it-targa li hemm taht il-bieb. Dan l-accellerant ghadda wkoll minn taht il-bieb u dahal fuq gewwa tad-dar u meta tqabbad l-accellerant dan beda jaqbad kemm fuq barra tal-bieb kif ukoll fuq gewwa. In-nar fuq barra ntefa minn persuna li rat dan in-nar u dak ta' gewwa ntefa wahdu wara li accelerant ikkonsma ruhu. B'xorti tajba*

[31] Folio 72 ta' l-atti processwali
[32] Dok OS1, Folio 149 ta' l-atti processwali
[33] Folio 181 ta' l-atti processwali
[34] Vide ritratt esebit a folio 190-191 tar-rapport

*wara l-bieb ta' barra ma kienx hemm materjal kombustibbli li seta' jiehu n-nar ghax kieku kien ikun hemm hafna iktar hsara peress li sid id-dar u familtu ma kienux hemm."*[35]

Mill-provi kollha mressqa mhuwiex ikkontestat mid-difiza ta' l-imputat fis-sottomissjonijiet tieghu li l-persuna li wettaq dan ir-reat kien l-imputat u minn dan l-aspett m'hemmx kwistjoni jekk il-persuna responsabbli kienx l-imputat. Id-difiza ittenni izda li l-intenzjoni ta' l-imputat kienet sabiex tikkawza danneggjament volontarju u dan in vista tal-fatt li ma uzax ghodda u materjal iktar effettivi sabiex jahraq il-bieb ta' barra.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Huwa car li l-imputat ghamel il-preparamenti necessarji sabiex jikkawza l-hruq. Mar intenzjonat biex iwettaq dan il-nar ma' propjeta' privata u wara li l-bieb ha n-nar u beda jinfirex, l-imputat baqa' l-boghod mix-xena. Li kieku ma kienx ghall-fatt li nies inzertaw ghaddejja u ndunaw u tfew in-nar il-konsegwenzi setghu kienu hafna aghar. Fi kliem l-espert Borg Saydon, il-materjal kien mifrux barra u wara l-bieb u kien b'xorti tajba biss li ma nqabdux oggetti ohra iktar kombustibbli.

Ghaldaqstant wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha, semghet ix-xhieda u ezaminat ir-rekwiziti tal-ligi skond l-artikoli kif mibghuta mill-Avukat Generali, tqis li din il-imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi fl-elementi kollha taghha u sejra tghaddi sabiex issib lill-imputat hati taghha.

**Ikkunsidrat**

[35] Folio 192-193 ta' l-atti processwali

**It-tieni imputazzjoni**

L-imputat gie akkuzat talli bhala konsegwenza li ghamel in-nar mal-bieb mar-residenza bl-isem 'Starlight' li tinsab gewwa Triq Villabate, Zabbar u ikkawza hsara volontarja skond l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 325(1)(b) jghid:

*(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar,jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jewimmobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn uħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar*

Mir-rapport ta' l-espert perit Valerio Schembri[36] jirrizulta li l-bieb kien fi stat tajjeb u l-familja kienu hallewh maghluq u msakkar sew. Ir-rapport jikkonferma li n-nirien saru propju fuq il-bieb ta' barra li jaghti ghal fuq dan il-parapett.

Fir-rigward il-hsara li sar, l-espert jghid li

*"3. A kawza tan-nirien in kwistjoni saret hsara lill-bieb, u dan fis-sens illi nharaq parti mill-wicc tieghu u tilef hafna mill-lostru u nkiser anke xi hgieg minnhu. Jidher illi saret hsara wkoll fil-kisi tal-koxox tal-fetah tal-bieb in kwistjoni.*

*4. A kawza tan-nirien saret hsara fl-ghatba tal-granit li hemm quddiem l-istess bieb liema ghatba jew soll jenhtieg jinbidel.*

[36] Dok VC1, Folio 112-127 ta' l-atti processwali

*5. Il-Perit Tekniku osserva hsara wkoll fil-paviment li hemm kemm fil-parapett quddiem il-bieb u anke f'dak ta' taht it-tarag, li jinsab hekk kif wiehed jidhol mill-bieb mertu ta' din l-inkjesta.*

*6. A kawza tan-nirien iggemmdu l-hitan ta' parti mit-tromba tat-tarag li taghti access ghall-maisonette fejn jabitaw il-membri tal-familja Grech"*[37]

L-espert jikkonkludi li:

*"A kawza ta l-istess nirien saret hsara li tammonta ghal madwar **€1858.50** u din il-figura l-esponent jasal ghaliha minn stima dettaljata annessa mar-relazzjoni odjerna bhala Dok VS 0101."*[38]

Illi s-stima tal-hsarat taghti deskrizzjoni dettaljat tax-xogholijiet necessarji.[39]

Fid-difiza tieghu, l-imputat ma jikkontestax il-valur tal-hsara ikkawzata mertu ta' dan il-incident.

Ghaldaqstant wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha, semghet ix-xhieda u ezaminat ir-rekwiziti tal-ligi skond l-artikoli kif mibghuta mill-Avukat Generali, tqis li din anke din l-imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni**

[37] Folio 118-119 ta' l-atti processwali
[38] Folio 120 ta' l-atti processwali
[39] Folio 127 ta' l-atti processwali

L-imputat tressaq ukoll talli fl-istess zmien wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-24 ta' Mejju 2018 mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LLD, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-prosekuzzjoni esebit tlett sentenzi relattivi li nghataw fl-istess gurnata mill-istess Qorti kif preseduta.[40] Illi filwaqt li ma ttellax l-ufficjal prosekutur sabiex jikkonferma tali sentenzi u ma nghatax ezenzjoni mid-difiza ta' l-imputat, din il-Qorti tara li l-konotati tas-sentenzi huma ta' l-imputat u jirrizulta wkoll fil-fedina penali ta' l-imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti tara li s-sentenzi esebiti huma validi bhala prova.

Illi fis-sentenza mmarkata bhala Dok OS2, l-imputat, fuq ammissjoni tieghu, gie ikkundannat ghal tnax (12)-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza.

Illi fis-sentenza mmarkata bhala Dok OS3, l-imputat, fuq ammissjoni tieghu stess gie kkundannat ghal tnax (12)- il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza.

Illi fis-sentenza mmarkara bhala Dok OS4, l-imputat fuq ammissjoni tieghu gie ikkundannat ghal ghaxart (10) ijiem prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghall-perjodu ta' sena (1) mid-data tas-sentenza. Illi ghalhekk

[40] Dok OS2 – 4, Folio 150-156 ta' l-atti processwali

jirrizulta l-perjodu operattiv ta' sena ghalaq fl-24 ta' Mejju 2019, gimgha qabel l-incident.

Madankollu, din il-Qorti tosserva li din l-imputazzjoni hija soddisfatta b'imqar wahda miz-zewg sentenzi l-ohra ezebiti mill-prosekuzzjoni, u konsegwentement, in kwantu l-perjodu operattiv ta' tliet (3) snin inbeda fl-24 ta' Mejju 2018, ir-reati kommessi fl-1 ta' Gunju 2019, certament li gew kommessi matul dak il-perjodu operattiv.

Ghaldaqstant jirrizulta b'mod car li l-imputat wettaq reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza u sejra tghaddi sabiex issibu hati ta' din il-imputazzjoni kif ukoll li tikkunsidrah bhala recidiv.

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba' imputazzjoni**

L-imputat tressaq talli fl-istess zmien wettaq reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-5 ta' Awissu 2016 mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LLD, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u ghaldaqstant stante li dan ir-reat ma giex ippruvat din il-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lill-imputat mill-istess imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li minnha jirrizulta li f'dawn l-ahhar erba' snin kellu diversi kwistjonijiet ohra.[41]

Jirrizulta wkoll li minkejja li gie mwissi u nghata diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex jimxi fit-triq it-tajba, ripetutament ghazel li jaghmel atti ta' hsara lil persuni ohra.

Illi dan ir-reat sar ghal kollox b'mod kapriccjuz mill-imputat u li kieku ma kienx ghall-fatt li kien hemm intervent ta' nies pajzana dan l-incident seta kien aghar.  Ir-reat kommess jaghti x'jifhem li l-imputat huwa minaccja ghas-socjeta' u li l-istint reattiv tieghu huwa wiehed kriminuz. Kien ukoll b'xorti tajba li l-familja Grech ma kinitx gewwa r-residenza taghha u li n-nar ma nfirixx aktar u ma qabdux partijiet ohra tal-bini.

Din il-Qorti ghandha responsabilita' tara li z-zomm il-bilanc bejn dak li huwa fl-interess tas-socjeta' u dak li huwa fl-interess ta' l-imputat. Madankollu din il-Qorti tara li l-imputat ma jistax ikompli miexi f'din it-triq u tara li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandu jservi piena karcerarja b'mod effettiv.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 317(b) u 325(1)(b), 28A, 28B, 49, 50, 15A, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 7 u 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Damian Cesare

**Mhux hati** tar-raba' imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena dwarha;

[41] Folio 8-9 ta' l-atti processwali

**Hati** ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrih u wara li ghazlet li titratta l-hati bhala recidiv tikkundannah prigunerija ta' erba' snin u nofs effettivi li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk li diga skonta bhala arrest preventiv f'din il-kawza.

Issibu **hati** wkoll tat-tielet imputazzjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li s-sentenza ta' tnax (12)-il xahar prigunerija sospizi jibdew issehhu minnufih, b'zieda mal-piena l-ohra, ghall-piena kumplessiva ta' **hames snin u nofs prigunerija effettiva.**

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lill Brian Grech u l-familtu s-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u hames Euro u hamsin centezmu (€1,858.50) rapprezentanti kumpens tal-hsara volontarja kkagunat lilhom.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tawtorizza li l-kumpens hawn fuq indikat jithallas b'pagamenti mensili ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar bl-ewwel pagament issir mhux aktar tard minn xahar wiehed wara li jkun skonta t-terminu ta' prigunerija effettiva u b' pagamenti ekwivalenti konsekuttivament u mhux interrotti fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hati Damian Cesare a favur ta' Brian Grech, Ian Grech u familjari taghhom ghal perjodu ta' tlett snin bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-vittma u familtu u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-hatji milli javvicina, jikkuntattja, jimmolesta jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-vittma u l-familja tieghu.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex issir id-delitt.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Damian Cesare ihallas lir-Registratur l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u tmien Euro u wiehed u sittin centezmu (€2608.61) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert PC1491 Kurt Attard fl-ammont ta' €70.90.[42]
2. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Keith Cutajar fl-ammont ta' €507.51[43]
3. Spejjez tar-rapport ta' l-espert David Borg Saydon fl-ammont ta' €171.70.[44]
4. Spejjez tar-rapport ta' l-espert AIC Valerio Schembri fl-ammont ta' €1,858.50.[45]

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

---

[42] Folio 36 ta' l-atti processwali
[43] Folio 85 ta' l-atti processwali
[44] Folio 194 ta' l-atti processwali
[45] Folio 127 ta' l-atti processwali

**Moghtija illum nhar id-29 ta' Settembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**